

32001R1082

2.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 149/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1082/2001**ta' 1-1 ta' Ġunju 2001**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga u li jikkorreġi r-Regolament (KE) Nru 590/2001 li jidderoga minn u jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2000

IL-KUMMISSJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 47(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 562/2000 (²), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 590/2001 (³), jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga. B'mod partikolari, l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 562/2000 jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet dwar il-kontrolli u l-ispezzjonijiet preliminarji.
- (2) B'deroga mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000, l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 590/2001, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 826/2001 (⁴), jipprovdī għax-xiri għall-ħażna ta' kwarti ta' quddiem b'ħames kustilji. Sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni rigward l-ispezzjonijiet preliminarji fil-każ- tat-teħid taħt il-kontroll tal-kwarti, ir-regoli jridu jiġu emendati.
- (3) L-Artikolu 1(2)(b) tal-verżjoni bl-Ingliż tar-Regolament (KEC) Nru 590/2001 fih żball. Barra minn hekk, il-kelma "l-Artikolu" fl-aħħar subparagraphu ta' l-Artikolu 1(7) tar-Regolament (KE) Nru 590/2001 għandha tinbidel bil-kelma "il-paragrafu".
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 562/2000 u r-Regolament (KE) Nru 590/2001 għandhom għalhekk jiġu emendati u kkorreġuti rispettivament.
- (5) Minħabba kif żviluppaw l-avvenimenti, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ minnufih.
- (6) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali tal-Laħam taċ-ċanga u l-Vitella,

(¹) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.

(²) ĠU L 68, tas-16.3.2000, p. 22.

(³) ĠU L 86, tas-27.3.2001, p. 30.

(⁴) ĠU L 120, tas-28.4.2001, p. 7.

L-Artikolu 1

It-tieni subparagraphu ta' l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000 jiġi mibdul bit-test li ġej:

"Dawn l-ispezzjonijiet għandhom ikopru l-kunsinna sa 20 tunnellata metrika tan-nofs karkassi kif stabbilit mill-aġenċija ta' l-intervent. Madankollu, meta l-offerta tinvolvi l-kwarti, l-aġenċija ta' l-intervent tista' tippermetti kunsinna ta' aktar minn 20 tunnellata metrika ta' nofs karkassi. Meta jiġu rrifjutati iktar minn 20 % tan-numru totali tan-nofs karkassi f'kull kunsinna spezzjonata, għandha tiġi rrifjutata l-kunsinna kollha skond il-paragrafu 6."

L-Artikolu 2

Ir-Regolament (EC) Nru 590/2001 huwa kkorreġut kif ġej:

1. (Jirrigwarda l-verżjoni bl-Ingliż biss).

L-Artikolu 1(2)(b) għandu jinqara kif ġej:

"(b) Dan li ġej jista' jinxтарa għall-intervent: il-kwarti ta' quddiem b'ħames kustilji miksuba bl-użu ta' qatgħa dritt mill-karkassi jew min-nofs karkassi riferiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000; il-prezz tal-kwarti ta' quddiem għandu jiġi kkalkolat billi jiġi applikat il-koeffiċjent ta' 0,80 għall-prezz tal-karkassi."

2. L-ewwel frażi introduttora ta' l-aħħar subparagraphu ta' l-Artikolu 1(7) għandha tinqara kif ġej:

"Barra minn hekk, rigward il-prodotti mixtri ja skond dan il-paragrafu:"

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikaż-zjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni
